## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 433/2015 MS*

**Carmelo Degabriele u Ernest Degabriele, u b'digriet tad-19 ta' Mejju 2022, stante l-mewt tal-attur Carmelo Degabriele fil-mori tal-kawża, il-ġudizzju f'ismu ġie trasfuż f'isem Beatrice Degabriele**

**Vs.**

**B'digriet tal-1 ta' Ġunju 2015, l-Avukat Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Erminia mart Joseph Conti, u b'digriet tat-3 ta' Mejju 2017, l-aħwa Norbert Degabriele, Mario Degabriele, Alexander Degabriele, Andrew Degabriele, Stephen Degabriele u Raymond Degabriele ġew ammessi bħala intervenuti fil-kawża**

Illum, 14 ta' April, 2025

Kawża Numru: 3

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fil-11 ta' Mejju 2015, li bih wara li ippremettew dan li ġej:

<u>DIKJARAZZJONI</u>

**L-atturi jikkonfermaw bil-ġurament is-segwenti fatti li jafuhom personalment:**

Illi fl-10 ta' Mejju 2005 mietet Maria Dolores Degabriele armla minn Joseph Degabriele (Dok A), omm il-kontendenti.

Illi skond ir-ricerki testamentarji taghha (Dok B u C) il-wirt taghha huwa regolat bit-testment datat 16 ta' Jannar 2002 fl-atti tan-Nutar Dr Ritienne Fenech (Dok D) kif sussegwentement modifikat bit-testment addizzjonali datat 22 ta' Ottubru 2002 fl-atti tan-Nutar Dr Charles Vella Zarb (Dok E).

Illi skond l-Ewwel Artikolu tat-testment datat 16 ta' Jannar 2002, it-testatrici innominat bhala eredi universali taghha lil kontendenti odjerni f'ishma ndaqs bejniethom.

Illi skond it-Tieni Artikolu tat-testment addizzjonali datat 22 ta' Ottubru 2002 it-testatrici halliet lill-attur Carmelo Degabriele bi prelegat l-intier tal-hanut numru mija sitta u ghoxrin (126) f' Tarxien Road, Paola, liema prelegat thalla bl-indikazzjoni li kien *di cosa altrui* peress li t-testatrici kellha biss in-nofs indiviz tal-imsemmi fond stante li l-fond kien gie akkwistat matul iz-zwieg taghha mal-premort zewgha Joseph Degabriele.

Illi dan il-hanut, imholli bi prelegat lill-esponent Carmelo Degabriele, gie mikri lil terzi fit-18 ta' Jannar 2006 (Dok F), liema kirja ghadha in corso, u l-kera qed tingabar mill-attur Carmelo Degabriele, li lilu thalla l-fond bi prelegat. Ghalhekk skond il-ligi, l-esponent Carmelo Degabriele ghandu dritt izomm ghalih il-kera li sa issa ircieva u qed ikompli jircievi bhala frott ta' legat ta' propjeta immobbli.

Illi skond l-Ewwel Artikolu ta' l-istess testment addizzjonali datat 22 ta' Ottubru 2002 it-testatrici halliet lill-attur Ernest Degabriele bi prelegat l-intier tal-garage numru tlieta (3) fi Triq is-Sorijiet, Tarxien inkluza l-arja tieghu liema arja hija accessibbli mill-bieb u entratura numru erbgha (4) fl-istess triq. Dan il-prelegat ukoll thalla bl-indikazzjoni li kien *di cosa altrui* peress li t-testatrici kellha biss in-nofs indiviz tal-imsemmi fond stante li l-fond kien gie akkwistat matul iz-zwieg taghha mal-premort zewgha Joseph Degabriele.

Illi sallum l-esponenti ghadhom ma gewx immessi fil-pussess tal-prelegati imhollija rispettivament lilhom kif fuq imsemmi mill-konvenuta ohthom. Jigi hawn spjegat li l-werrieta ta' zewg it-testatrici (li allura wirtu n-nofs indiviz l-iehor tal-fondi mhollija bi prelegat lill-atturi mit-testatrici) huma l-attur Carmelo Degabriele, il-konvenuta, ohthom Hilda mart Anthony Galea, u s-sitt (6) ulied ta' huhom premort Joseph Degabriele.

Illi fl-10 ta' Mejju 2015 ser ikunu iddekorrew ghaxar (10) snin mill-mewt tat-testatrici ommhom u ghalhekk l-esponenti gew kostretti jistitwixxu l-kawza odjerna sabiex l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat ma tigix preskritta.

<u>RAĠUNI TAT-TALBA</u>

Peress illi fl-10 ta' Mejju 2005 mietet Maria Dolores Degabriele armla minn Joseph Degabriele (**Dok A**), omm il-kontendenti.

Peress illi skond ir-ricerki testamentarji taghha (**Dok B u C**) il-wirt taghha huwa regolat bit-testment datat 16 ta' Jannar 2002 fl-atti tan-Nutar Dr Ritienne Fenech (**Dok D**) kif sussegwentement modifikat bit-testment addizzjonali datat 22 ta' Ottubru 2002 fl-atti tan-Nutar Dr Charles Vella Zarb (**Dok E**).

Peress illi skond l-Ewwel Artikolu tat-testment datat 16 ta' Jannar 2002, it-testatrici innominat bhala eredi universali taghha lil kontendenti odjerni f'ishma ndaqs bejniethom.

Peress illi skond it-Tieni Artikolu tat-testment addizzjonali datat 22 ta' Ottubru 2002 it-testatrici halliet lill-attur Carmelo Degabriele bi prelegat l-intier tal-hanut numru mija sitta u ghoxrin (126) f' Tarxien Road, Paola, liema prelegat thalla bl-indikazzjoni li kien *di cosa altrui* peress li t-testatrici kellha biss in-nofs indiviz tal-imsemmi fond stante li l-fond kien gie akkwistat matul iz-zwieg taghha mal-premort zewgha Joseph Degabriele.

Peress illi dan il-hanut, imholli bi prelegat lill-esponent Carmelo Degabriele, gie mikri lil terzi fit-18 ta' Jannar 2006 (**Dok F**), liema kirja ghadha in corso, u l-kera qed tingabar mill-attur Carmelo Degabriele, li lilu thalla l-fond bi prelegat. Ghalhekk skond l-artikolu 728 (b) tal-Kodici Civil, l-esponent Carmelo Degabriele ghandu dritt izomm ghalih il-kera li sa issa ircieva u qed ikompli jircievi bhala frott ta' legat ta' propjeta immobbli.

Peress illi skond l-Ewwel Artikolu ta' l-istess testment addizzjonali datat 22 ta' Ottubru 2002 it-testatrici halliet lill-attur Ernest Degabriele bi prelegat l-intier tal-garage numru tlieta (3) fi Triq is-Sorijiet, Tarxien inkluza l-arja tieghu liema arja hija accessibbli mill-bieb u entratura numru erbgha (4) fl-istess triq. Dan il-prelegat ukoll thalla bl-indikazzjoni li

kien *di cosa altrui* peress li t-testatrici kellha biss in-nofs indiviz tal-imsemmi fond stante li l-fond kien gie akkwistat matul iz-zwieg taghha mal-premort zewgha Joseph Degabriele.

Peress illi sallum l-esponenti ghadhom ma gewx immessi fil-pussess tal-prelegati imhollija rispettivament lilhom kif fuq imsemmi mill-konvenuta ohthom.

Peress illi fl-10 ta' Mejju 2015 ser ikunu iddekorrew ghaxar (10) snin mill-mewt tat-testatrici ommhom u ghalhekk l-esponenti gew kostretti jistitwixxu l-kawza odjerna sabiex l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat ma tigix preskritta.

għaddew biex jitolbu lil din il-Qorti jogħġobha:

1. Tikkundannaha taddivjeni ghall-att notarili opportun sabiex timmetti lill-attur Carmelo Degabriele fil-pussess tal-hanut numru mija sitta u ghoxrin (126) f' Tarxien Road, Paola, imholli lilu bi prelegat minn Maria Dolores Degabriele.

2. Tikkundannaha taddivjeni ghall-att notarili opportun sabiex timmetti lill-attur Ernest Degabriele fil-pussess tal-garage numru tlieta (3) fi Triq is-Sorijiet, Tarxien inkluza l-arja tieghu liema arja hija accessibbli mill-bieb u entratura numru erbgha (4) fl-istess triq.

3. Tinnomina nutar sabiex jippubblika l-att/atti notarili ghall-immissjoni fil-pussess tal-prelegati in kwistjoni favur l-atturi u tinnomina wkoll kuraturi ghall-eventwali kontumaci.

4. Tiddikjara li l-kera derivanti mill-lokazzjoni datata 18 ta' Jannar 2007 tal-hanut numru mija sitta u ghoxrin (126) f' Tarxien Road, Paola, ricevuta mill-attur Carmelo Degabriele, ghandha titqies bhala l-"*frott*" ai termini tal-artikolu 728 (b) tal-Kodici Civili u ghalhekk appartenenti lill-istess attur Carmelo Degabriele u mhux lill-assi ereditarji ta' Maria Dolores Degabriele.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hijas ngunta ghas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta preżentata mill-kuraturi deputati l-Avukat Dr Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar fis-6 ta' Lulju 2015[1], li biha ġie eċċepit kif ġej:

[1] Fol.53.

> 1. Ili huma fil-kwalita' tagħhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Erminia Conti mhumiex preżentement edotti mill-fatti li taw lok għal dina l-kawża u għaldaqstant, jirriservaw illi jdaħħlu eċċezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem.
>
> 2. Illi mingħajr pregudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, u in linea preliminari dina l-kawża hija perenta stante ġiet ippreżentata wara li laħqu ddekorrew għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni tal-mejta Maria Dolores Degabriele skont l-artikolu 845(1) tal-Kap. 16.
>
> 3. Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-proċedura odjerna hija nieqsa mill-integrità ta' ġudizzju stante illi l-eredi tad-decuius u cioè Stephen, Raymond, Mario, Norbert, Alexander, u Andrew Degabriele ma gewx iċċitati.
>
> 4. Illi bla pregudizzju għas-suespost, fir-rigward ta' l-ewwel talba attriċi, tali immissjoni fil-pussess ma tistax issehh qabel ma tavvera ruhha xi waħda mill-kundizzjonijiet elenkati fl-artiklu 696 (1) tal-Kap. 16 da parti tal-werrieta kollha tad-de cuius, inkluż l-atturi, stante illi si tratta minn legato di cosa altrui.
>
> 5. Illi fir-rigward tar-raba talba attrici, dina ma tistax tintlaqa' in vista tal-fatt illi 1-immissjoni fil-pussess tal-legati de quo ma tistax issa ssir kif diga ntqal u għaldaqstant, il-frott tal-fond de quo għandhom jirrivertu għand il-propjetarji ta' l-istess fond, inkluż l-eredi ta' Maria Dolores Degabriele u dan bl-interessi.
>
> 6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

3. Rat il-verbal tal-udjenza miżmuma fis-16 ta' Diċembru 2015, mnejn jirriżulta li l-kuraturi deputati irtiraw it-tieni eċċezzjoni[2];

4. Rat l-ordni mogħti fil-11 ta' Marzu 2016 minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, sabiex din il-kawża timxi flimkien mal-kawża bin-numru 1225/2007 JPG[3];

5. Rat id-dikriet mogħti minn dina l-Qorti fit-3 ta' Mejju 2017[4], li permezz tiegħu Norbert Degabriele, Mario Degabriele, Alexander Degabriele, Andrew

[2] Fol.57.
[3] Fol.58-59.
[4] Fol.76.

Degabriele, Stephen Degabriele u Raymond Degabriele ġew ammessi jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis*;

6. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, kif ukoll l-atti kollha flimkien mal-atti tal-kawża bin-numru 1225/2007, liema kawża wkoll se tiġi deċiża llum;

7. Semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-kontendenti;

8. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

9. Illi din hija kawża li biha l-atturi qed jitolbu li jiġu immessi fil-pussess tal-prelegati mħollija lilhom minn Maria Dolores Degabriele, ommhom.

10. Il-fatti rilevanti huma dawn:

11. L-atturi huma aħwa u wlied Joseph Degabriele u Maria Dolores Degabriele. L-intervenuti huma ulied il-mejjet Joseph Degabriele, li jiġi ħu l-atturi u wkoll iben Joseph Degabriele u Maria Dolores Degabriele. Erminia Conti hija oħt l-atturi. Il-konjuġi Degabriele kellhom ukoll bint oħra, Hilda Galea, li però m'hijiex parti f'din il-kawża.

12. Maria Dolores Degabriele mietet armla fl-10 ta' Mejju 2005[5]. Is-suċċessjoni tagħha hija regolata kif ġej[6]:

    i. b'testment magħmul fl-atti tan-Nutar Ritienne Fenech tas-16 ta' Jannar 2002[7], Maria Dolores Degabriele, filwaqt li ħassret it-testmenti kollha preċedenti tagħha, ħalliet lill-intervenuti l-leġittima spettanti lilhom skont il-liġi, u nnominat bħala werrieta universali tagħha lill-atturi u lill-konvenuta Conti, f'ishma ndaqs bejniethom;

[5] Fol.5.
[6] Ir-riċerki testamentarji dwar Maria Dolores Degabriele jinsabu eżebiti minn fol.6-12.
[7] Fol.13.

ii. b'testment ieħor magħmul fl-atti tan-Nutar Charles Vella Zarb fit-22 t'Ottubru 2002[8], Maria Dolores Degabriele żiedet mat-testment preċedenti tagħha billi ħalliet b'titolu ta' prelegat konsegwibbli wara mewtha lill-attur Ernest Degabriele, bis-sostituzzjoni volgari favur uliedu, il-garaxx numru tlieta fi Triq is-Sorijiet, Tarxien, bid-drittijiet u bil-pertinenzi kollha tiegħu inkluża l-arja. It-testatriċi żiedet ukoll prelegat favur l-attur Carmelo Degabriele, bis-sostituzzjoni volgari favur uliedu, il-ħanut bin-numru mija sitta u għoxrin fi Triq Ħal Tarxien ġewwa Raħal Ġdid. Fiż-żewġ prelegati, it-testatriċi ddikjarat illi hija taf li l-proprjetà imħollija lill-prelegatarji m'hijiex tagħha biss u dan peress li ġiet akkwistata matul iż-żwieġ tagħha, imma ddikjarat li hija x-xewqa tagħha li dan il-prelegat jiġi konsegwit fl-intier tiegħu;

iii. saru wkoll xi testmenti sigrieti minn Maria Dolores Degabriele, li però ma ġewx eżebiti fl-atti ta' din il-kawża u li ma jidhrux li huma rilevanti għall-meritu ta' din il-kawża.

13. L-attur Carmelo Degabriele, permezz ta' skrittura tat-18 ta' Jannar 2007[9], kera l-ħanut bin-numru 126, fi Triq Ħal Tarxien ġewwa Raħal Ġdid lil Jason u Maria konjuġi Bonavia. Il-kirja saret għall-perijodu ta' ħmistax-il sena, li matulhom il-kera dejjem tħallset lill-attur Carmelo Degabriele[10], sakemm miet meta mbagħad il-ħlas beda jsir lill-armla tiegħu[11]. B'kollox tħallset kera fl-ammont ta' €170,030.15[12]. Meta nfetħet is-suċċessjoni ta' Maria Dolores Degabriele, il-ħanut jidher li kien fi stat ħażin, però saru xogħlijiet mill-inkwilin li permezz tagħhom l-istat tal-ħanut ġie ammeljorat.

14. Fl-att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* li sar mill-attur Carmelo Degabriele fl-atti tan-Nutar Charles Vella Zarb fil-21 ta' Marzu 2006[13] wara l-mewt ta' Maria Dolores Degabriele, huwa ddikjara u ħallas it-taxxa tas-suċċessjoni fuq l-intier tal-ħanut imsemmi fil-prelegat. L-istess għamlet l-armla tiegħu fil-mori tal-

[8] Fol.16.
[9] Fol.18.
[10] Ara x-xiehda ta' Jason Bonavia, a fol.145-146.
[11] Ara x-xiehda ta' Jason Bonavia, a fol.146-147.
[12] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Jason Bonavia, a fol.156.
[13] Fol.140.

kawża, b'att magħmul minn Nutar Vanessa Pool fl-24 ta' Jannar 2023[14]. Hekk ukoll, l-attur Ernest Degabriele ddikjara l-intier tal-garaxx imħolli lilu bi prelegat, u dan permezz tal-att magħmul min-Nutar Charles Vella Zarb fil-21 ta' Marzu 2006[15].

Ikkunsidrat:

15. Illi l-fatti tal-każ, kif esposti permezz tal-paragrafi preċedenti, huma essenzjalment paċifiċi bejn il-kontendenti. In-nuqqas ta' qbil tagħhom jirrigwarda l-effetti legali u ġuridiċi tal-legati li dwarhom saret din il-kawża.

16. Il-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor huwa prinċipalment regolat mill-artikoli 696 u 697 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħidu hekk:

> 696.(1) Il-legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor ma jiswiex, ħlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor u mhux tiegħu; f'dan il-każ il-werriet jista' jagħżel jew li jakkwista l-ħaġa mħollija b'legat sabiex igħaddiha lil-legatarju, jew li jħallas lil-legatarju l-valur ġust tagħha.
> (2) Iżda, jekk il-ħaġa hekk imħollija b'legat, għalkemm tkun ta' ħaddieħor fi żmien it-testment, tkun saret proprjetà tat-testatur fi żmien il-mewt tiegħu, il-legat ta' dik il-ħaġa huwa validu.
>
> 697. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan igħoddu wkoll jekk il-ħaġa mħollija b'legat tkun tal-werriet, jew tal-legatarju inkarigat fit-testment biex jagħtiha lil terza persuna.

17. Dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet għadhom fl-istess stat li fih kienu promulgati bħala l-artikoli 394 u 395 tal-Ordinanza VII tal-1868. Fin-notamenti tiegħu, Dingli niżżel dan li ġej dwar dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet:

> 394. S.814, P.683 e 800 conf. D.R. in sostanza senonchè questo permette la prova estrinseca della scienza di essere la cosa altrui, mentre l'art. pres. Non permette altra prova che quella che risulti dal testamento.
>
> Fr. 1021, D.S. 975, Ol. 83, annullano il legato in ogni caso.

[14] Fol.143.
[15] Fol.210.

T. 377-388 permette il legato di cosa altrui quando il test. direttamente che si compri e si consegni.

Soppresse le parole “in ogni caso”.

395. Marcadè, p.88, col.1, Troplong 1948, Zach., p.47, n.7, dicono che le parole “cosa di altri” del Fr. comprendono le cose dell’erede.

Contra D.R. S.815. P.684

18. Huwa minnu li dan ix-xorta ta’ legat kien konċepit fl-epoka tad-Dritt Ruman. Insibu spjegat li:

> L’erede doveva procurare la cosa al legatario, acquistandola dal proprietario: il giudice non doveva assolverlo, se non quando, mostrata l’impossibilità di venire ad un acquisto, egli prestasse il prezzo di stima della cosa; altrimenti, quale onerato inobbediente, incorreva nella pena del doppio. Tale ai tempi della scuola serviana era il rigore della giurisprudenza e nel secondo libro dei posteriori di Labeone epitomati da Giavoleno si conserva l’opinione di Ateo, il quale concedeva come favore l’assoluzione all’erede, che doveva prestare la cosa altrui, che ne pagasse il prezzo di stima *non potendola comperare a verun patto*:...
> Questo rigore si moderò più tardi, evidentemente per influenza del fedecommesso e si ammise non essere necessario perchè si potesse assolvere l’erede dalla prestazione della cosa in natura, che questa fosse impossibile (neque *ulla condicione* emere possis); ma si tenne calcolo anco di grandi difficoltà e sacrifici, che l’erede avrebbe dovuto incontrare;...
> ...
> Dalle cose dette e dallo spirito stesso della vecchia giurisprudenza appare come l’erede non potesse rifiutarsi all’adempimento del legato col pretesto di errore o di ignoranza del testatore, il quale avesse considerato come proprio un obbietto altrui. Il riconoscimento della libertà dell’erede in questo caso si fa rimontare all’autorità di Nerazio Prisco (Pap. 9 *quæst.* D.31, 67, §8), la cui sentenza fu confortata da un rescritto di Antonino Pio... Il concetto era che il testatore non avrebbe fatto il legato, se avesse riconosciuto non essere sua la cosa.
> ...
> A chi spettava l’onere della prova che il testatore conoscesse o no la condizione della cosa legata? Sembrerebbe ch’essa dovesse incombere all’erede; sia perchè in origine egli era tenuto sempre a pagare e solo più tardi venne introdotto questo temperamento a suo riguardo, sia per l’analogia di altri casi...

> ...
> In origine del legato di obbligazione sorgeva, come abbiamo mostrato, *sempre* l'obbligo di dare la cosa. Ma in origine è anche da credersi che la consegna della cosa estinguesse il *ius legati* (cosi era una volta anco pel *legatum optionis*) e non si ammettesse che, prestata la cosa legata, l'erede potesse ancora trovarsi esposto alle pretese del legatario. Suo dovere era far avere la cosa al legatario; se questa si trovava in mano di terzi, doveva naturalmente acquistarla per poterla dare; altrimenti bastava che la consegnasse e se sorgeva poi il proprietario a evincerla, egli non poteva esser tenuto ad una garanzia, che avrebbe mancato di fondamento.[16]

19. Fl-epoka tal-kodifikazzjoni, dan il-legat kien ġie espressament dikjarat bħala null mir-redatturi tal-Kodiċi Franċiż. Fil-fatt, l-artikolu 1021 ta' dak il-Kodiċi kien jipprovdi li: «*Lorsque le testateur aura légué la chose d'autrui, le legs sera nul, soit que le testateur ait connu ou non qu'elle ne lui appartenait pas*». Tajjeb li jiġi osservat li, minkejja din l-abolizzjoni ċara, fi Franza kien baqa' jiġi deċiż li legati ta' oġġetti indeterminati li ma jinsabux fil-patrimonju tat-testatur huma validi, kif huma validi wkoll legati li bihom werriet jiġi espressament u speċifikatament obbligat jakkwista oġġett ta' terz biex jagħtih lil legatarju, jew inkella jħallsu l-valur tiegħu[17], u dan għaliex «*Il testatore può imporre all'erede l'obbligazione di compiere un fatto: non solum res possunt legari, sed etiam facta*».

20. Iżda mhux il-Kodiċijiet kollha kontinentali abolew il-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor. Dan jirriżulta anki min-noti ta' Dingli, fuq riprodotti. Fost l-aktar eżempji notevoli, hemm dak tal-Kodiċi ta' Sardinja, imsejjaħ ukoll bħala l-Kodiċi Albertin, li fl-artikolu 814 tiegħu kien jipprovdi:

> 814. Il legato della cosa altrui è nullo, salvo che sia espresso nel testamento, che il testatore sapeva essere la cosa d'altri, e non sua: nel qual caso sarà in arbitrio dell'erede, o di acquistare la cosa legata per rimetterla al legatario, ovvero di prestarne a questo il giusto prezzo.
> Se però la cosa legata, quantunque altrui al tempo del testamento, si trovasse in dominio del testatore al tempo di

[16] ***Contardo Ferrini,*** Teoria Generale dei Legati e dei Fedecommessi secondo il Diritto Romano (Milano, 1889) pġi.288-297.
[17] ***Baudry Lacantinerie*****,** Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile:Delle Donazioni fra Vivi e dei Testamenti (Vol.II), §§2514-2518.

> sua morte, sarà valido in ogni caso il legato della medesima.

21. Huwa evidenti li din id-dispożizzjoni serviet bħala mudell għad-dispożizzjoni fil-Kodiċi tagħna, u għalhekk huma rilevanti u utili l-insenjamenti li saru dwar dan il-legat fir-rigward tal-Kodiċi Albertin. ***Poncini***, b'riferenza għal din id-dispożizzjoni, kiteb hekk: «*L'effetto di questo legato consisteva unicamente in ciò che, se l'attore non voleva o non poteva procurarsi la cosa per rimetterla al legatario, gliene doveva il giusto prezzo ... ma il terzo proprietario non era perciò tenuto a spropriarsi suo malgrado di sua cosa, e per conseguenza non era punto la disposizione della cosa altrui, era semplicimente un peso imposto all'erede*»[18].

22. Meta ġie promulgat il-Kodiċi Ċivili tal-1865 għar-Renju tal-Italja unifikata, il-legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor kien imsemmi fl-artikolu 837, li kien jgħid hekk:

> 837. Il legato di cosa altrui è nullo, salvo che sia espresso nel testamento, che il testatore sapeva essere cosa altrui: nel qual caso è in facoltà dell'erede o di acquistare la cosa legata per rimetterla al legatario, o di pagarne a questo il giusto prezzo.
> Se però la cosa legata, quantunque d'altri al tempo del testamento, si trova in proprietà del testatore al tempo di sua morte, è valido il legato della medesima.

23. Is-similarità bejn id-dispożizzjoni tal-Kodiċi Taljan tal-1865 u d-dispożizzjoni fil-Kodiċi tagħna wkoll għandha l-effett li tagħmel rilevanti t-tagħlim kollu li ġie ppubblikat fir-rigward tal-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor fl-Italja. Insibu għalhekk il-prinċipji li ġejjin:

> L'effetto di questo legato genera a carico dell'erede un'obligazione alternativa, o di acquistare la cosa legata per rimetterla al legatario, o di pagarne a questo il giusto prezzo. La scelta, e secondo i principi generali di diritto, e secondo la lettera dell'art.837, appartiene all'erede; infatti, quanto al primo argomento, l'erede è debitore del legato, e l'art.1178 stabilise che la scelta appartiene al debitore, se non è stata espressamente concessa al creditore; quanto al secondo argomento, il succitato art.837 dichiara essere

[18] Commenti sul Codice Civile (Torino, 1840), Vol.II, pġa.657.

in *facoltà* dell'erede, ecc., e questa espressione non può riferirsi che alla scelta.

La scelta, o la facoltà di dare la cosa o il giusto prezzo, è concessa all'erede incondizionatamente; egli quindi può sin da principio scegliere di pagare il prezzo della cosa legata, senza premettere veruna pratica appresso del proprietario per farne l'acquisto. Veramente il testatore, nel lasciare al legatario la cosa di un terzo, ebbe precipuamente in animo di fargli aver questa in natura; chè altrimenti gli avrebbe legato una somma di danaro rispondente al valore della cosa; e perciò, a dar piena soddisfazione alla volontà di lui, l'erede dovrebbe essere costretto a fare ogni diligente opera per ottenere a giusto prezzo l'alienazione della medesima; e tale era infatti la regola romana. Ma è piacuto al nostro legislatore di favorire l'erede, dispensandolo da tale obbligo, e rimettendo il tutto a suo arbitrio; e particolarmente non manca di utilità, evitando che il legatario voglia intromettersi di soverchio in questa faccenda, allegando, o che l'opera per l'acquisto fu fiacca, che l'insuccesso delle trattative debbesi all'avarizia dell'erede che si rifiuta di soddisfare alle legittime pretese del proprietario, e via discorrendo...
Se l'erede sceglie il primo partito, e trova il proprietario assenziente all'alienazione, egli può acquistare la cosa in suo nome per rimetterla al legatario, giusta la letterale prescrizione dell'art.837. Ma può anche acquistarla pel legatario, soddisfacendo del suo tutte le obbligazioni derivanti dall'acquisto, o ad esse inerenti, e in specie la tassa del registro.
Se l'eredo sceglie il secondo partito, è obbligato a pagare al legatario il *giusto* prezzo della cosa legata. Il giusto prezzo è quello con cui, a stima ordinaria, sarebbesi potuta acquistare la cosa, e questa misura corrisponde al voto della legge, interpretando l'intenzione del testatore; l'erede deve trovarsi nella medesima condizione in entrambi i casi, e nella medesima condizione deve pur trovarsi il legatario acquirente: or l'erede acquistando, avrebbe disborsato 1000, e 1000 dunque deve dare, non meno, ma neppur di più: il legatario, 1000 avrebbe avuto in natura, 1000 abbia dunque in danaro.
Il giusto prezzo può fissarsi con tutti i mezzi che sono di diritto comune.[19]

24. ***Borsari*** wkoll jagħti fehmiet simili: «*Valido peranto il legato, la legge si dà cura di tracciarne la esecuzione. Se la formola alternativa non fosse cosi chiaramente espressa, potrebbe credersi che l'erede per prima cosa dovrebbe far opera diligente presso il proprietario, onde ottenere la cosa, oggetto della disposizione e consegnarla al legatario. Ciò era ordinato nel diritto romano e*

[19] ***Pacifici Mazzoni***, Il Codice Civile Italiano Commentato (Torino, 1929), Vol.XI, §20.

*parmi non senza ragione, imperocchè a quale scopo lasciare il bene di un terzo se non vi si annettesse qualchè motivo di speciale predilezione del legatario medesimo? E allora perchè dispensare l'erede da un tentativo qualsiasi per consegnare la cosa, il che solo potrebbe dare piena soddisfazione alla volontà del testatore? Ma l'alternativa è semplice, e i termini della legge non lascano alcun dubbio. Legare la cosa altrui, con la scienza dichiarata di non esserne proprietario, equivale al legare il prezzo*»[20].

25. Magħmula dawn l-osservazzjonijiet ta' natura dottrinali, il-Qorti sejra issa tindirizza l-fattispeċi tal-każ li għandha quddiemha.

26. Nibdew billi nqisu t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta Conti. Din hija fis-sens li l-ġudizzju mhux integru għaliex l-eredi tal-mejta, ċjoè l-intervenuti, m'humiex ċitati bħala konvenuti.

27. Din l-eċċezzjoni mhux fondata. L-uniku persuni li għandhom ikunu partijiet f'kawża dwar l-immissjoni fil-pussess ta' legat huma il-legatarju u l-werriet. Issa l-intervenuti m'humiex eredi tat-testatriċi Maria Dolores Degabriele; kemm hu hekk, fit-testment tagħha hija ħalliet lill-intervenuti biss il-leġittima. Kif intqal fid-deċiżjoni ***Michael Attard vs. Grazia Meilak et*** (Prim'Awla, 14 ta' Diċembru 1959)[21]: «*Issa, hu magħruf li l-leġittimarji għandhom biss dritt għal kwota mill-beni tal-wirt, iżda ma humiex eredi (Kollez. XXX-I-363; XXXIII-I-472); u għalhekk huma ma jkomplux il-personalita' ġuridika tad-decujus; b'mod li l-presenza u l-kontestazzjoni tagħhom mhix neċessarja fil-kawżi rigwardanti d-decujus u l-patrimonju tiegħu; saħansitra, kif ġie ritenut, lanqas f'kawża ta' liċitazzjoni, li hija "modus divisionis" (Kollez. XXIX-II-913). Del resto, l-liġi rriversat l-obbligu tal-ħlas tad-dejn tad-decujus fuq l-eredi tiegħu (art. 980 tal-Kodiċi Ċivili). Dan ifisser li l-attur ma kellux bżonn iħarrek anki lil-leġittimarji, għaliex il-presenza tal-eredi fil-kawża kienet biżżejjed*». Hekk ukoll, fejn l-azzjoni saret għall-immissjoni fil-pussess ta' legat, u għalhekk dwar obbligu li huwa tal-eredi biss, il-preżenza tal-leġittimarji żgur mhux meħtieġa.

[20] Commentario del Codice Civile Italiano (Torino, 1874), Vol.III, Pte I, §1793.
[21] Kollezz. Vol.XLIII.ii.834.

28. Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw il-jedd tas-sehem riservat, preċedentement imsejjaħ leġittima, huma l-artikoli 615 sa 621. Dawn id-disposizzjonijiet ġew emendati bl-artikolu 58 sa 62 tal-Att XVIII tal-2004. L-artikolu 116(2) ta' dak l-Att imbagħad jipprovdi li l-artikolu 58 sa 62, fost artikoli oħra, «*japplikaw dwar suċċessjonijiet li jseħħu wara li l-istess artikoli jinġiebu fis-seħħ*». Issa l-emendi promulgati permezz ta' l-artikoli 58 sa 62 tal-Att XVIII tal-2004 daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu, 2005, permezz tal-Avviż Legali 48/2005. Dan l-Avviż Legali daħħal fis-seħħ id-disposizzjonijiet rimanenti tal-Att XVIII tal-2004, wara li l-uniċi disposizzjonijiet li kienu ingħataw effett sa dakinhar kienu l-artikoli 110, 113 u 115, li daħlu fis-seħħ fl-4 ta' Frar, 2005, bis-saħħa tal-Avviż Legali 37/2005.

29. It-testatriċi mietet fl-10 ta' Mejju 2005, u għalhekk is-suċċessjoni tagħha hija regolata mil-liġi l-ġdida, li tqis is-sehem riservat bħala kreditu tal-leġittimarju, u mhux bħala sehem *in natura* fuq il-beni tal-wirt, kif kienet il-pożizzjoni taħt il-liġi l-antika. Għalhekk aktar u aktar hija fortifikata l-konklużjoni li l-preżenza tal-leġittimarji mhux neċessarja f'azzjoni dwar immissjoni fil-pussess ta' legat.

30. Il-fatt li l-intervenuti m'humiex werrieta ta' Maria Dolores Degabriele jwassal biex l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas t'integrità tal-ġudizzju tiġi mwarrba, anki jekk dak il-fatt, kif sejrin naraw, se jkollu l-effett tiegħu fuq it-talbiet tal-atturi.

Ikkunsidrat:

31. Illi niġu issa għar-raba' eċċezzjoni tal-konvenuta Conti, kif ukoll għall-ewwel tliet talbiet tal-atturi.

32. Il-legati li dwarhom saret din il-kawża m'humiex ħlief parzjalment legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor. Huma f'parti minnhom legat ta' ħaġa tat-testatriċi, f'parti legat ta' ħaġa ta' terz u f'parti legat ta' ħaġa tal-legatarju u tal-werrieta stess. Għall-aħjar intendiment tal-konsiderazzjonijiet li sejra tagħmel il-Qorti, huwa utili li ż-żewġ legati jitqiesu separatament.

33. Nibdew billi nqisu l-legat imħolli lill-attur Ernest Degabriele, u li jirrigwarda il-garaxx bin-numru tlieta fi Triq is-Sorijiet f'Ħal Tarxien.

34. Dan il-garaxx inxtara fiż-żwieġ tat-testatriċi u żewġha Joseph Degabriele. Nofs indiviż tal-garaxx għalhekk jappartjeni lit-testatriċi, u għalhekk il-legat huwa ċertament validu u konsegwibbli minnufih fir-rigward ta' dak in-nofs indiviż (ara f'dan is-sens ***Maria Pace et vs. Maria Melita Cachia et***, Prim'Awla, 16 ta' Ġunju 2003, kif ukoll ***Paolo Zammit vs. Rosa Zammit***, Appell Superjuri, 28 ta' Ġunju 1957[22]).

35. In-nofs indiviż li kien jappartjeni lil Joseph Degabriele intiret minn Joseph Degabriele (missier l-intervenuti), Hilda Galea, Erminia Conti u Carmelo Degabriele[23]. L-attur Ernest Degabriele kien diżereditat.

36. Għalhekk, minn dan in-nofs indiviż, hemm kwart indiviż li jappartjeni lill-konvenuta Conti u lill-attur Carmelo Degabriele, b'wirt minn missierhom. Fir-rigward ta' dan il-kwart indiviż jgħodd dak li jipprovdi l-artikolu 697 tal-Kodiċi Ċivili. Il-werrieta, li huma obbligati li jonoraw il-legati mħollija mit-testatur, huma fid-dmir li – jekk il-ħaġa mħollija tkun tappartjeni lilhom – jikkonsenjawha lil-legatarju. Kif ġie miżmum fid-deċiżjoni ***Agnes Borg vs. Charles Zammit et*** (Prim'Awla, 20 ta' Mejju 2004): «*Inoltre, minn qari ta' dan l-artikolu, jidher ċar li l-werrieta jkollhom dik l-għażla f'każ biss li l-oġġett ma jkunx ġia fil-pussess tagħhom, għax hu f'dak il-każ biss li huma jistgħu jeżerċitaw l-għażla billi jew jakkwistaw l-oġġett jew iħallsu l-valur tiegħu. Jekk l-oġġett ikun ġia fil-pussess tagħhom, huma jitqiesu li jkunu ġia "akkwistawh" u kwindi ma tistax tiġi invokata l-alternattiva li jħallsu l-valur tal-istess oġġett. L-oġġett ta' legat li jkun fil-mument tal-mewt tat-testatur, fil-possess tal-werrieta, irid jiġi konsenjat lil-legatarju u, f'dawk iċ-ċirkustanzi, il-werrieta ma jkollux l-għażla kontemplata fl-artikolu 696*

[22] Kollezz. Vol.XLI.i.448.
[23] Is-suċċessjoni ta' Joseph Degabriele hija regolata minn testment riċevut min-Nutar John Spiteri Maempel fil-25 ta' Novembru 1955 (fol.7 tal-atti tal-kawża bin-numru 1225/2007).

*tal-Kodiċi Ċivili*»[24]. U **Cremona** kiteb: «*Se poi il fondo legato era di comproprietà fra il testatore e l'erede, il legatario ha il diritto di ripetere tutto il fondo*»[25].

37. Fir-rigward ta' dan il-kwart indiviż, allura, il-prelegat imħolli lil Ernest Degabriele jiswa u għandu jiġi eżegwit.

38. Il-kwart indiviż l-ieħor, iżda, jappartjeni lill-intervenuti u lil Hilda Galea, u għalhekk il-legat fir-rigward ta' dak is-sehem indiviż huwa ta' ħaġa ta' ħaddieħor.

39. Kif rajna, il-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor ma jorbotx lis-sid tal-ħaġa, iżda lill-werriet biss (ara ***Grezzju Mifsud et vs. Giorgia Mifsud et***, Prim'Awla, 10 t'April 2003). Dan ifisser illi Hilda Galea u l-intervenuti ma għandhom ebda obbligu li jikkonsenjaw jew jaljenaw sehmhom mill-garaxx in kwistjoni lill-attur Ernest Degabriele. Huma l-werrieta ta' Maria Dolores Degabriele li għandhom l-obbligu lejn il-legatarju, u ċjoè l-obbligu alternattiv li jakkwistaw dak l-oġġett biex jagħtuh lil-legatarju jew inkella jagħtu lil-legatarju l-prezz ġust tiegħu. Għażla din li tmiss lill-istess werrieta, li fil-każ tal-legat imħolli lil Ernest Degabriele, huma l-konvenuta Conti u l-attur Carmelo Degabriele.

40. F'dan is-sens għalhekk il-Qorti tqis irrilevanti d-dikjarazzjoni magħmula mid-difensur tal-atturi waqt it-trattazzjoni orali, fis-sens illi l-atturi huma lesti li jikkumpensaw lis-sid għas-sehem tal-proprjetà li se titteħidlu. Is-sid tal-oġġett tal-legat – sakemm m'huwiex il-werriet – ma tistax titteħidlu l-ħaġa li hija tiegħu, u huwa jiddisponi minnha biss jekk irid. U jekk irid jiddisponi minn ħwejġu, m'huwiex il-legatarju li jrid jikkumpensah iżda l-werriet.

41. Issa mill-provi ma jirriżultax li din l-għażla saret – anzi, il-konvenuta Conti qiegħda tikkontesta l-eżiġibilità tal-prelegat. Barra minn hekk, mill-provi ma jirriżultax li l-intervenuti u Hilda Galea huma propensi li jittrasferixxu sehmhom lill-atturi. Waqt it-trattazzjoni tal-għeluq, id-difensur tal-intervenuti ssottometta li l-intervenuti ma jistgħux jopponu għall-ħlas tal-legat, imma jeżiġu kumpens.

[24] Fl-istess sens hija d-deċiżjoni ***Maria Theresa sive Marthese Cachia et vs. Salvinu Caruana et*** (Appell Superjuri, 15 ta' Novembru 2023).
[25] La Giurisprudenza sul Codice Civile di Malta e sue Dipendenze, Vol.II, pġa.396.

Dan però huwa żbaljat, għaliex kif rajna, il-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor jorbot biss lill-werrieta, u la l-intervenuti m'humiex fost il-werrieta ta' Maria Dolores Degabriele, mela huma mhux obbligati jonoraw dak il-legat. Kif ingħad fid-deċiżjoni ***Maria Theresa sive Marthese Cachia et vs. Salvinu Caruana et*** (Appell Superjuri, 15 ta' Novembru 2023): «*Ladarba m'humiex werrieta ta' missierhom, u ladarba m'humiex marbutin mit-termini tat-testment tiegħu, bħala terzi estranji ma setgħux ikunu kostretti jċedu s-sehem tagħhom kontra r-rieda tagħhom*».

42. Barra minn hekk, waqt l-istess trattazzjoni, intqal mid-difensur tal-intervenuti li huma jistennew kumpens bil-prezz taż-żmien tat-trasferiment, u mhux tal-ftuħ tas-suċċessjoni. Sottomissjoni din li ġġibna għad-domanda dwar liema huwa l-valur ġust li jissemma fl-artikolu 696 tal-Kodiċi Ċivili: dak relattiv għaż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni jew dak relattiv fiż-żmien li fih ikun se jiġi eżegwit il-legat?

43. ***Ricci*** jgħidilna li: «*Il giusto prezzo della cosa legata non è altro che il valore di stima al momento in cui la medesima è dovuta; quindi se l'erede non possa o non voglia acquistare la cosa legata per rimetterla al legatario, deve farne elevare la stima nello stato in cui la medesima si trova al tempo dell'aperta successione, e pagare al legatario il prezzo che da detta stima risulterà*»[26]. Fid-deċiżjoni ***Avv. Dr. Lorenzo Cauchi vs. Alfredo Vella et*** (Prim'Awla, 30 t'Ottubru 1948)[27] il-Qorti kienet qed tqis id-dritt ta' legatarju taħt l-artikolu 702 tal-Kodiċi Ċivili. Fl-ispeċi, il-legatarju kien akkwista b'titolu oneruż mingħand ħaddieħor l-oġġett li kien imħolli lilu b'legat, wara li sar it-testment. Skont l-artikolu 702(2), f'dawk iċ-ċirkostanzi, u fejn jiġu osservati l-ħtiġiet tal-artikolu 696 (i.e. li t-testatur jiddikjara li jaf li l-oġġett tal-legat mhux tiegħu), il-legatarju jkollu dritt għal «*kemm tkun tiswa l-ħaġa*». Il-Qorti ddeċidiet li f'dawk iċ-ċirkostanzi, il-legatarju jkollu jedd għal kemm tiswa l-ħaġa <u>fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni</u>. Raġunament li din il-Qorti jidhrilha applikabbli anki għall-każ tal-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor taħt l-artikolu 696.

---

26 Corso Teorico Pratico di Diritto Civile, Vol.III, §347.

27 Kollezz. Vol.XXXIII.ii.321.

44. Dan huwa hekk għaliex il-prelegat imħolli mit-testatriċi ġie fis-seħħ mal-mewt tagħha, u kien dakinhar li l-obbligazzjoni tal-eredi bdiet teżisti u kellha tiġi mwettqa. Isegwi għalhekk li d-dritt tal-legatarju huwa sostantivament ekwivalenti għal dak dovut lilu dakinhar li twieldet l-obbligazzjoni favur tiegħu, salv id-dritt tiegħu għall-frottijiet tal-legat f'każ li jikkonkorru ċ-ċirkostanzi li jintitolaw lil-legatarju għal dawk il-frottijiet.

45. Skont il-perit tekniku, il-valur tal-garaxx fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni ta' Maria Dolores Degabriele kien ta' €80,000. Dan ifisser li kwart minn din is-somma tirrappreżenta l-valur ġust tal-garaxx li jappartjeni lill-intervenuti u lil Hilda Galea, u li għandu jitħallas mill-werrieta ta' Maria Dolores Degabriele lill-attur Ernest Degabriele.

46. Kif diġà ingħad, il-legat hawnhekk sar favur eredi, u proprjament jissejjaħ prelegat. Fid-deċiżjoni ***Marianna moglie di Giulio Mallia ed altri vs. Il Sindaco Dr. Giuseppe Falzon ed altri*** (Prim'Awla, 29 t'April 1884)[28] ġie spjegat li: «*Di fatti all'unico erede non si può lasciare un legato – quando però sono più coeredi si può lasciare ad uno una cosa in preferenza degli altri, che è il* prælegatum*, per modo che egli con questo titolo come legatario acquista soltanto ciò che i coeredi gli devono, e come erede acquista cioè che egli dovrebbe a se stesso*». Dan għalhekk ifisser li l-ħlas tal-prelegat jinkombi fuq il-ko-eredi l-oħrajn in kwantu <u>għas-sehem tagħhom biss</u>, billi l-ko-eredi onorat bil-prelegat huwa meqjus illi għandu wkoll, bħala werriet, sehmu minn dak imħolli lilu. Fi kliem ieħor, il-prelegatarju billi huwa werriet ukoll irid ibati sehmu mill-ħlas tal-prelegat, li konċettwalment jiġi prelevat mis-sostanzi ereditarji qabel issir il-qasma bejn l-eredi. Dan għalhekk ifisser li s-somma ta' għoxrin elf Ewro għandha titħallas lill-attur Ernest Degabriele biss in kwantu għal żewġ terzi minnha, u ċjoè ż-żewġ terzi dovuti minn Carmelo Degabriele u l-konvenuta Conti.

47. Il-fatt li l-atturi fir-rikors ġuramentat tagħhom ma talbux speċifikatament li jsir ħlas ta' flus favur tagħhom fil-każ li l-immissjoni *in natura* ma tistax issir mhux

[28] Kollezz. Vol.X.457.

ta' xkiel biex f'din is-sentenza l-Qorti tordna li jsir dak il-ħlas. Wara kollox, it-talbiet tal-atturi huma għall-ħlas tal-legat dovut lilhom, u din il-Qorti hekk se tkun baqgħet fil-parametri ta' dawk it-talbiet f'din id-deċiżjoni tagħha. U kif intqal fid-deċiżjoni ***Mario Vella vs. Ray Abela et*** (Appell Inferjuri, 31 t'Ottubru 2008): «*Wara kollox, hu wkoll sew magħruf il-principju illi "pretium tenet locum rei", u pretensjoni għal konsenja ta' oġġett tekwivali sostanzjalment għal talba għall-prezz jew valur tiegħu. Ara a propożitu "**Derek J. Scanlen nomine -vs- Joseph Gasan nomine**", Qorti tal-Kummerċ, 17 ta' Ġunju, 1946 u "**Lewis Cassar Demajo et nomine et -vs- L-Avuktar Dottor John Pullicino nomine et nomine**", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 9 ta' Mejju, 1990*».

48. Għalhekk l-immissjoni fil-pussess tal-legat imħolli minn Maria Dolores Degabriele favur l-attur Ernest Degabriele għandha ssir permezz tal-immissjoni fil-pussess ta' tliet kwarti indiviżi ta' dak il-fond, u l-ħlas tas-somma ta' €13,335 mill-konvenuta Conti u mill-attriċi Beatrice Degabriele, li ssuċċediet għal Carmelo Degabriele.

49. Niġu issa għat-tieni legat, u ċjoè dak imħolli lill-attur Carmelo Degabriele.

50. Anki l-ħanut bin-numru 126, fi Triq Ħal Tarxien f'Raħal Ġdid inxtara minn Joseph u Maria Dolores Degabriele matul iż-żwieġ. In-nofs indiviż li kien ta' Maria Dolores Degabriele għalhekk ġie jappartjeni lill-attur Carmelo Degabriele bħal kull legat ieħor pur u sempliċi.

51. In-nofs indiviż li kien ta' Joseph Degabriele għadda għand il-werrieta tiegħu, u ċjoè Joseph Degabriele (missier l-intervenuti), Hilda Galea, Erminia Conti u Carmelo Degabriele.

52. Dwar is-sehem li kien jappartjeni lill-attur Carmelo Degabriele stess, jgħodd l-artikolu 702(1) tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid hekk: «*Jekk il-ħaġa mħollija b'legat kienet ġa tal-legatarju fi żmien it-testment, dan il-legat ma jiswiex*». La dak is-sehem kien diġà ta' Carmelo Degabriele meta sar it-testment li bih inħoloq il-prelegat in kwistjoni, mela allura dak il-legat ma jiswiex u lanqas ma huwa dovut xi kumpens lill-prelegatarju.

53. Dwar is-sehem li kien jappartjeni lill-konvenuta Conti, jgħodd dak diġà kkunsidrat mill-Qorti fir-rigward tal-prelegat dovut lill-attur Ernest Degabriele. Għalhekk dak is-sehem għandu jiġi mgħoddi mill-konvenuta Conti.

54. Jifdal is-sehem li jappartjeni lill-intervenuti u lil Hilda Galea. Anki hawnhekk jgħoddu l-konsiderazzjonijiet diġà magħmula mill-Qorti aktar kmieni. Id-dritt tal-attriċi Beatrice Degabriele, li ssuċċediet lil Carmelo Degabriele, huwa issa limitat għall-ħlas tal-valur ġust fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni. Dan il-valur kien stmat mill-perit tekniku fis-somma ta' €95,000 għall-interità ta' dan il-fond. Anki din is-somma għandha titħallas mill-werrieta ta' Maria Dolores Degabriele, u l-attriċi Beatrice Degabriele għandha għalhekk tirċievi €7,917 mingħand il-konvenuta Conti u l-istess somma mingħand l-attur Ernest Degabriele.

55. Fl-aħħar nett, il-Qorti sejra tqis ukoll jekk l-atturi jistħoqqilhomx l-imgħax fuq is-somma li sejrin jirċievu minflok il-ħaġa ta' ħaddieħor.

56. Qabel xejn, il-Qorti tosserva li anki jekk ma saret ebda talba mill-atturi għall-ħlas tal-imgħax, il-ġurisprudenza ma tipprekludiex l-għoti tal-imgħaxijiet, peress li l-imgħax jiddekorri b'effett tal-liġi a tenur tal-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, u billi wkoll ġie ritenut li talba għall-imgħax hija konsegwenzjali għall-kundanna għall-ħlas tal-kapital (ara f'dan is-sens ***Costantino Abela vs. George Azzopardi***, Appell Superjuri, 7 t'Ottubru 2005; ***Crocifissa sive Christine Abela et vs. Valletta Gateway Terminals Limited et***, Appell Superjuri, 30 ta' Novembru 2022; ***Jeffrey Farrugia vs. Melvyn Mifsud***, Appell Superjuri, 8 ta' Jannar 2024).

57. Fil-każ odjern, l-ammont li qed jiġi kanonizzat f'din is-sentenza ma kienx wieħed likwidu u ċert, iżda ġie likwidat proprju llum. Għalhekk il-Qorti tqis li japplika l-prinċipju li *in illiquidandis non fit mora*. B'danakollu hemm ġurisprudenza fis-sens li fejn l-ammont dovut, anki jekk illikwidu, huwa faċilment determinabbli, l-imgħax jiddekorri qabel il-likwidazzjoni. Hekk, per eżempju, ġie deċiż li, «*Inoltre, hu ritenut fil-ġurisprudenza illi, meta d-debitu jkun ċert, jekk id-debitur ikun jaf, jew jista' faċilment jiddetermina l-ammont, kif fil-każ seta' jagħmel, il-massima*

*"in illiquidis mora non contrahitur" mhix applikabili*» (***Spiridione L. Mizzi pr. et ne. vs. Emmanuele Falzon***, Kummerċ, 16 ta' Frar 1954)[29]. Fl-istess sens hija wkoll id-deċiżjoni ***Tania Vassallo et vs. Anna Rita sive Anita Camilleri et*** (Appell Superjuri, 31 ta' Jannar 2014).

58. Il-Qorti tqis li l-ammont likwidat f'din il-kawża seta' jkun faċilment determinabbli meta ġiet estiża l-perizja teknika li minnha rriżultaw il-valuri rilevanti, u ċjoè fit-13 ta' Ġunju 2023, u għalhekk hu xieraq li l-imgħax ikun dovut minn dakinhar.

Ikkunsidrat:

59. Illi jonqos biss li tiġi kkunsidrata r-raba' talba tal-atturi, li hija dwar il-kera perċepita mill-ħanut bin-numru 126, Triq Ħal Tarxien, Raħal Ġdid wara l-mewt ta' Maria Dolores Degabriele.

60. L-artikolu 721 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> Kull legat pur u sempliċi jagħti lil-legatarju, minn dak in-nhar tal-mewt tat-testatur, jedd, li jista' jgħaddi għall-werrieta tal-istess legatarju, jew għal dawk li l-jeddijiet tagħhom ġejjin minnu, li jirċievi l-ħaġa mħollija lilu bil-legat.
> (2) Il-legat magħmul taħt kondizzjoni ma jagħtix lil-legatarju dak il-jedd qabel ma tiġri l-kondizzjoni.

61. Huwa miżmum illi għalkemm il-benefiċċjarju ta' legat pur u sempliċi jikseb il-proprjetà tal-legat imħolli lilu mal-ftuħ tas-suċċessjoni, il-pussess ta' dak l-oġġett, bħall-pussess ta' kull ħaġa oħra formanti parti mill-eredità, jgħaddi għand il-werriet. Huwa għalhekk li l-liġi trid li l-legatarju jitlob il-pussess tal-ħaġa mħollija lilu b'legat mingħand il-werriet:

> Il diritto al legato e il diritto di credito, o il diritto reale che forma il contenuto del legato, acquistansi dal legatario per virtù della sola disposizione del testatore e per ministero di legge, e senza bisogno di verun atto da parte sua.
> Ma ben altrimenti procede la cosa rispetto al possesso: poichè il legatario deve sempre domandare all'erede il possesso della cosa legata. Imperocchè il possesso della

[29] Kollezz. Vol.XXXVIII.iii.642.

> medesima, come d'ogni altra cosa compresa nell'eredità, passando dal defunto all'erede per ministero di legge, appartiene a questo, e non può quindi aversi dal legatario, se dall'erede medesimo non gli viene concesso.[30]

62. F'dan is-sens ukoll hija l-ġurisprudenza tagħna (ara, per eżempju, ***Francesco Vassallo La Rosa vs. Lorenzo Bugeja***, Prim'Awla, 22 t'Ottubru 1932[31]; u ***Azzjoni Kattolika Maltija vs. Mary Rose Espinosa et***, Appell Superjuri, 26 ta' Novembru 2024).

63. Iżda l-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor m'huwiex legat pur u sempliċi. Il-proprjetà tal-oġġett legat m'hijiex tat-testatur (jew, fil-każ tagħna, ma kinitx interament tat-testatriċi), u għalhekk it-titolu ta' proprjetà ma jistax jgħaddi *ipso iure* fil-persuna tal-legatarju. It-traslazzjoni tat-titolu tiddependi mill-għażla li l-werriet għad irid jagħmel (i.e. jiksibx l-oġġett biex jgħaddih lil-legatarju jew iħallasx lil-legatarju l-valur ġust tiegħu), kif ukoll mir-rieda tat-terz proprjetarju li ma jistax jiġi mġiegħel jaljena ħwejġu. Kif miżmum fid-deċiżjoni ***Angelo Cauchi et vs. Joseph Cauchi et*** (Appell Superjuri, 27 ta' Jannar 2017): «*Mhux minnu dak li jgħidu l-konvenuti illi l-atturi jaqgħu f'kontradizzjoni meta jgħidu illi l-legat jiswa bħal legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor u fl-istess ħin jiċħdu li l-proprjetà għaddiet għand il-legatarji. Hemm differenza bejn il-validità ta' legat u l-ħlas ta' legat. Jekk il-legat jiswa, il-werriet hu obbligat li jħallsu jekk jaċċetta l-wirt iżda, sakemm iħallsu, ladarba l-legat hu ta' ħaġa li ma hijiex fost l-assi tal-wirt, il-proprjetà ma tgħaddix għand il-legatarju qabel ma jsir il-ħlas*».

64. It-titolu fuq il-frottijiet tal-ħaġa għalhekk trid tiġi meqjusa skont dawk il-partijiet tal-oġġett li kienu tat-testatriċi u dawk li ma kienux. Dan però mhux neċessarjament jifforma parti mill-meritu tal-kawża odjerna, li titratta biss il-legat u xejn aktar.

65. Dwar dawk l-ishma indiviżi tal-ħanut in kwistjoni li kienu jappartjenu lit-testatriċi, il-kwistjoni hija regolata mill-artikoli 727 u 728 tal-Kodiċi Ċivili:

---

30 ***Pacifici Mazzoni***, Il Codice Civile Italiano Commentato, Vol.XI, §62.
31 Kollezz. Vol.XXVIII.ii.271.

> 727. Il-legatarju ma jistax jitlob il-frottijiet jew l-imgħaxijiet tal-legat, ħlief minn dak in-nhar li jkun, imqar b'ittra uffiċjali, sejjaħ lill-werriet biex jikkunsinna jew iħallas il-legat, jew minn dak in-nhar li din il-kunsinna jew dan il-ħlas ikun ġie mwiegħed lilu.
>
> 728. L-imgħaxijiet jew il-frottijiet tal-ħaġa mħollija legat jibdew igħaddu favur il-legatarju minnufih wara l-mewt tat-testatur, ukoll mingħajr is-sejħa ġudizzjarja msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:
> (*a*) meta t-testatur ikun espressament hekk ordna;
> (*b*) meta l-legat ikun ta' fond, jew ta' kapital, jew ħaġ'oħra li tagħti frottijiet.

66. L-artikolu 727 huwa ċar. Ir-regola ġenerali hija allura li l-frottijiet jew l-imgħaxijiet tal-legat ma jmissux lill-legatarju ħlief mill-jum li fih huwa jsejjaħ lill-werrieta għall-ħlas jew għall-konsenja tal-legat, imqar b'ittra uffiċċjali, jew minn dakinhar li l-ħlas jew il-kunsinna tal-ħaġa legata tkun ġiet mwiegħda lilu. Kif jgħid ***Ricci***, dwar disposizzjoni identika fil-Kodiċi Ċivili taljan tal-1865, «*Questa disposizione deriva, a parer nostro, dal principio, che la persona onerata del legato non può essere tenuta ad amministrare e far fruttare la cosa legata nell'interesse del legatario; onde questo obbligo allora sorge naturalmente a di lei carico quando sia stata posta in mora a consegnare la cosa dovuto...*»[32]. L-artikolu 728 jgħid li m'hemmx ħtieġa għal sejħa ġudizzjarja fejn it-testatur ikun ordna mod'ieħor, jew fejn il-legat ikun ta' fond, jew ta' kapital, jew ta' ħaġ'oħra li tagħti frottijiet.

67. Intqal b'referenza għad-diżposizzjoni korrispondenti fil-Kodiċi Ċivili Taljan tal-1865, li «*Sotto la espressione capitale fruttifero intendesi una somma impiegata e producente interessi*»[33]. Ifisser dan illi l-kapital, biex jitqies bħala produċenti l-imgħaxijiet għall-benefiċċju tal-legatarju mingħajr il-ħtieġa ta' sejħa ġudizzjarja, irid ikun impjegat b'mod fruttiferu, u mhux sempliċiment munit bil-potenzjal li jiġi mpjegat b'dak il-mod. Tal-istess fehma huwa ***Ricci,*** li jgħid, «*Per capitale fruttifero non deve intendersi una somma di danaro, che è capace a produrre interessi, bensi quel danaro che trovandosi ġià investito dallo stesso testatore, è stato destinato a produrre interessi*». Din l-interpretazzjoni sabet sostenn anke fil-ġurisprudenza tagħna (ara ***Clyde Meli vs. Maurice Pace***

[32] Corso Teorico Pratico di Diritto Civile, Vol.III, §379.
[33] ***Pacifici Mazzoni***, Il Codice Civile Italiano Commentato, Vol.IV, §78

***Decesare et***, Prim'Awla, 24 ta' Mejju 2002; kif ukoll ***Ester Farrugia et vs. Paolo Cauchi noe***, Prim'Awla, 1 t'April 1943[34]; u ***Paul Vella et vs. Grace Everest et***, Appell Superjuri, 27 ta' Frar 2024).

68. Dan ifisser li biex jitqies applikabbli l-artikolu 728, invokat mill-atturi, irid jirriżulta illi l-oġġett tal-legat ikun qiegħed effettivament jipproduċi l-frottijiet (u mhux biss ikun kapaċi li jipproduċihom) fi żmien il-mewt tat-testatur. Hekk ingħad fid-deċiżjoni ***Giovanna Carabott vs. Generoso Carabott et*** (Prim'Awla, 29 ta' Novembru 1947)[35]: «*Issa għandu jiġi notat illi l-liġi ma tgħidx sempliċement, kif qalet fl-art. 1182, "somma ta' flus", imma tgħid "kapital"; u ġie ritenut mid-dottrina u l-ġurisprudenza illi bil-kelma "kapital" wieħed għandu jifhem mhux kwalsijasi somma dovuta b'titolu ta' legat, imma biss dik is-somma ta' flus li fil-mewt tat-testatur tinsab impjegata b'mod fruttiferu*». U fl-istess sens huma wkoll id-deċiżjonijiet ***Elena Borg vs. Victor Casolani et noe*** (Prim'Awla, 15 ta' Marzu 1965)[36] u ***Dottor Michelle Tabone noe vs. Geoffrey-James Falzon et*** (Prim'Awla, 28 ta' Frar 2023).

69. Fil-każ odjern jirriżulta li l-ħanut in kwistjoni inkera mil-legatarju stess <u>wara</u> l-mewt tat-testatriċi. Dan għalhekk ifisser li l-ħanut ma kienx minnu nnifsu fruttiferu meta mietet Maria Dolores Degabriele, u għalhekk l-eċċezzjoni għar-regola kontenuta fl-artikolu 727 ma tirriżultax applikabbli. Għalhekk ir-raba' talba tal-atturi sejra tiġi miċħuda.

70. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta Conti billi ġiet irtirata;

(ii) tiċħad l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenuta Conti;

[34] Kollezz. Vol.XXXI.ii.110.
[35] Kollezz. Vol.XXXIII.ii.142.
[36] Kollezz. Vol.XLIX.ii.818.

(iii) tilqa' r-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenuta Conti biss sa fejn huma kompatibbli ma' dak ikkunsidrat f'din is-sentenza u tiċħadhom fil-kumplament tagħhom;

(iv) tipprovdi dwar l-ewwel talba tal-atturi billi tikkundanna lill-konvenuta Erminia Conti sabiex, flimkien mal-attur Ernest Degabriele, taddivjeni għall-att notarili ta' immissjoni fil-pussess sabiex l-attriċi Beatrice Degabriele tiġi immessa fil-pussess tal-ħanut numru mija sitta u għoxrin (126) f'Tarxien Road, Paola, u dan biss riferibbli għas-sehem indiviż ta' ħames ottavi ($^5/_8$), filwaqt li fir-rigward tas-sehem indiviż rimanenti, l-attriċi Beatrice Degabriele għandha titħallas il-valur ġust ta' tlieta u għoxrin elf seba' mija u ħamsin Ewro (€23,750), li minnu l-konvenuta Conti hija obbligata li tħallas biss sebat elef disa' mija u sbatax-il Ewro (€7,917), u dan bl-imgħax legali dekorribbli mit-13 ta' Ġunju 2023 sal-jum tal-ħlas effettiv;

(v) tipprovdi dwar it-tieni talba tal-atturi billi tikkundanna lill-konvenuta Erminia Conti sabiex, flimkien mal-attriċi Beatrice Degabriele, taddivjeni għall-att notarili ta' immissjoni fil-pussess sabiex l-attur Ernest Degabriele jiġi immess fil-pussess tal-garage numru tlieta (3) fi Triq is-Sorijiet, Tarxien inkluża l-arja tiegħu liema arja hija aċċessibbli mill-bieb u entratura numru erbgħa (4) fl-istess triq, u dan biss riferibbli għas-sehem indiviż ta' sitt ottavi ($^6/_8$), filwaqt li fir-rigward tas-sehem indiviż rimanenti, l-attur Ernest Degabriele għandu jitħallas il-valur ġust ta' għoxrin elf Ewro (€20,000), li minnu l-konvenuta Conti hija obbligata li tħallas biss sitt elef sitt mija sebgħa u sittin Ewro u ħamsin ċentezmu (€6,667.50), u dan bl-imgħax legali dekorribbli mit-13 ta' Ġunju 2023 sal-jum tal-ħlas effettiv;

(vi) tipprovdi dwar it-tielet talba billi taħtar lin-Nutar Maria Spiteri sabiex tippubblika l-atti notarili fuq imsemmija f'jum, ħin u lok li jiġu ffissati minn din il-Qorti wara rikors mill-istess Nutar, u kif ukoll taħtar lill-Avukat Thomas Bartolo bħala kuratur għal kull eventwali kontumaċi;

(vii) tiċħad ir-raba' talba;

(viii) tipprovdi dwar l-ispejjeż tal-kawża billi, bla ħsara għad-drittijiet tal-kuraturi deputati, tordna li dawn għandhom jinqasmu in kwantu għal terz ($^{1}/_{3}$) kontra l-atturi u in kwantu għar-rimanenti żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) kontra l-konvenuta Conti, b'dan illi l-intervenuti fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż proprji.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur